MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 24/2017 LM

**Untours Insurance Agents Limited u din għall-Qatar Insurance Agency Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Richard Abela u l-istess Richard Abela (K.I. Nru 66775M)**
*(l-appellati)*

***vs.***

**Kunsill Lokali Qormi,**
**Kunsill Lokali Marsa** (l-appellant),
**Transport Malta**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Kunsill Lokali Marsa**, hawnhekk "il-Kunsill appellant", wara lodo mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fis-26 ta'

April 2017 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi:

*"Illi għalhekk dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-arbitraġġ billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fis-sens li dawn mhumiex leġittimi kuntradittur fl-arbitraġġ odjern u qegħdin għalhekk jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju:*

- *Jiddikjara, għar-raġunijiet imfissra, li l-Kunsill Lokali tal-Marsa huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fis-26 t'Awwissu 2011 fi Triq Stabal, limiti ta' Ħal Qormi fejn il-vettura KBN 812, b'riserva għal kull dritt ta' rivalsa li jista' jkollu dan il-kunsill kontra terzi;*
- *Jillikwida l-ħsarat riżultanti mill-inċident riferit fl-ammont ta' elfejn u seba' mija u tletin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2,730.97);*
- *Jikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Marsa li jħallas dan l-ammont, in kwantu għal elfejn sitt mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2,648.97) lill-Untours Insurance Agency Ltd u in kwantu għal tnejn u tmenin euro (€82) lil Richard Abela;*

*L-ispejjeż tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandhom jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrenti u in kwantu għal terz mill-istess Kunsill u Awtorità, fid-dawl tal-ispejjeż tal-ewwel lodo dwar il-kompetenza;*

*L-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' dan l-arbitraġġ għandhom ikunu a karigu tal-Kunsill Lokali tal-Marsa;*

*Illi l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mit-8 ta' Jannar 2013, data tal-avviż sad-data tal-eventwali pagament."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-proċeduri odjerni huma dwar inċident li seħħ fis-26 ta' Awwissu, 2011 allegatament fi Triq Stabal, fil-limiti ta' Ħal Qormi, meta l-vettura KBN 812, proprjetà ta' Richard Abela, li kienet qiegħda tinstaq minnu fil-ħin tal-inċident,

sofriet danni konsiderevoli meta daħlet fi sprall jew tappiera maqlugħa fit-triq, li ma kinitx tidher għas-sewwieq tal-vettura.

**Mertu**

3. Permezz tal-proċeduri istitwiti quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara min mill-intimati kien responsabbili għall-inċident, u li dan jiġi kkundannat iħallas id-danni sofferti minnhom, bl-ammont pretiż huwa fis-somma ta' €2,730.97, li minnhom €2,648.97 huma dovuti lis-soċjetà rikorrenti **Untours Insurance Agency Limited**, filwaqt li €82 huma dovuta lir-rikorrent **Richard Abela** personalment, hawnhekk flimkien "l-appellati".

4. L-intimat Kunsill Lokali Qormi wieġeb li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għal dan l-inċident u għad-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba li huwa mhux responsabbli mill-inħawi fejn seħħ dan l-inċident, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Il-Kunsill Lokali Marsa ukoll wieġeb li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri peress li t-triq fejn seħħ l-allegat inċident, Triq l-Istabal, ma taqax fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Eċċepixxa wkoll li huwa m'għandu l-ebda ness mal-imsemmi sprall u għalhekk ma jistax jinstab responsabbli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet miġjuba mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta wieġbet li l-proċeduri odjerni ma jaqgħux fil-limiti tal-kompetenza tat-Tribunal, u li hija mhijiex leġittima kontradittriċi u għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, u dan minħabba li t-triq fejn seħħ l-inċident la hi triq arterjali u lanqas distributorja, u għalhekk huwa responsabbli mill-manutenzjoni tagħha l-kunsill lokali li tifforma parti minnu u mhux l-awtorità regalatorja. Huwa għalhekk, eċċepiet l-Awtorità li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tagħha għandhom jitqiesu bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan ġie kkonfermat mix-xhud **Nicholas Baldacchino**, *legal support manager* fid-Direttorat għat-Toroq u l-Infrastruttura fi ħdan Transport Malta, li kkonferma quddiem it-Tribunal li t-triq fejn seħħ l-akkadut hija triq residenzjali, u għalhekk il-manutenzjoni tagħha ma taqax taħt ir-responsabbilità ta' Transport Malta.

7. Ir-rikorrent **Richard Abela** xehed li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBN 812 hija proprjetà tiegħu, u fis-26 ta' Awwissu, 2011 huwa kien għamel rapport mal-Pulizija minħabba li kien involut f'inċident li seħħ quddiem il-fabbrika tal-*Edible Oil.* Ir-rikorrent spjega li fil-ħin meta seħħ l-inċident kien id-dlam, u hekk kif skorra n-niżla ta' San Vinċenz de Paule u kiser lejn il-Marsa sema' ħoss qawwi, u wara induna li kien ħoss ta' tappiera li nqalgħet mit-triq. Ir-rikorrent qal li hu għadda minn fuq din it-tappiera, fis-sens li għadda fuqha bil-parti tal-*body* tal-vettura u mhux bir-roti. Ir-rikorrent qal li l-vettura li kien qiegħed isuq intfiet, u meta ħares lura seta' jara ż-żejt niżel minnha. Qal li l-mod kif kienet maqlugħa t-tappiera ċarrtitlu x-*chassis* tal-vettura u s-*sump* tal-*gearbox* tal-plastik kollu tal-vettura. Ir-rikorrent qal li kieku ried jevita t-tappiera, kien ikollu jgħaddi mill-karreġġjata opposta. Qal ukoll li quddiemu

kien qiegħed jinstaq trakk, iżda m'għarafx jgħid jekk it-tappiera nqalgħetx minn postha xħin għadda t-trakk jew inkella kinitx diġà maqlugħa.

Ix-xhud **Dunstin Camilleri** qal li huwa impjegat mal-Untours Insurance Agency, u li s-soċjetà tal-assikurazzjoni ħallset is-somma ta' €2,648.97 tal-ħsarat li ġarrab ir-rikorrent Richard Abela b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, filwaqt li Richard Abela ħallas €82 *excess.*

Xhud ieħor, **Kenneth Brincat** qal li Triq l-Istabal hija triq żgħira residenzjali ħdejn il-Knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi. Mill-banda l-oħra ż-żona tal-Istanbul, fejn jidher li seħħ l-inċident, tinsab parti minnu ġewwa Ħal Qormi u parti minnu barra minn Ħal Qormi. Qal li jekk l-inċident seħħ viċin il-fabbrika tal-Edible Oil, bejn l-Isptar San Vinċenz de Paule u ċ-Ċimiterju tat-Torok, dik il-parti tat-triq ma taqax fil-konfini ta' Ħal Qormi. Qal ukoll li t-tappieri li jinstabu fit-toroq ma jaqgħux taħt ir-responsabbilità tal-kunsilli kokali, iżda tad-diversi entitajiet li jkunu għamluhom. Dan ix-xhud ma setax jikkonferma l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident taħt liema kunsill lokali taqa'.

Xhud ieħor kien il-**PC 896 Robert Zammit**, li kkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ fl-inħawi fejn hemm iċ-Ċimiterju tat-Torok, viċin il-fabbrika tal-Edible Oil. **PC 1315 Jeffrey Abela** xehed li fil-ħin meta seħħ l-inċident hu kien ma' pulizija ieħor ċertu David Sant bil-vettura tas-servizz, u f'ħin minnhom huma waqfu minħabba li raw vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni KBN 812 fl-inħawi taċ-Ċimiterju tat-Torok, fid-direzzjoni lejn il-Marsa. Dan ix-xhud qal li fit-triq kien hemm tappiera li nqasmet min-nofs, b'parti minnha sporġuta 'l fuq, u li x'aktarx kienet din il-parti tat-tappiera li laqtet u ċarrtet il-vettura tar-

rikorrent. Ix-xhud qal li l-*control room* tal-Pulizija kienet infurmat lill-Water Services Corporation b'dan l-inċident, u dawn kienu marru fuq is-sit u taw xi *cold asphalt* lit-triq. **PC 1353 Karl Roberts** xehed li huwa kien intbagħat fuq il-post fejn seħħ l-inċident mill-Għassa ta' Ħal Qormi.

**Francis Debono** is-Sindku tal-Marsa xehed li t-triq fejn seħħ l-inċident inkwistjoni tinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u mhux fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Qal li huwa jaf b'dan minħabba li din it-triq kollha kemm hi tifforma parti mill-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u l-ebda parti minnha ma tifforma parti mill-Kunsill Lokali tal-Marsa. Qal ukoll li l-ispralli u l-ispieri ma jaqgħux taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali, u dawn huma responsabbilità tal-entitajiet li jkunu għamluhom, fosthom id-dipartiment tad-*drainage,* il-Maltacom u WSC. Ix-xhud qal li ċ-Ċimiterju tat-Torok jagħmel mal-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa, u l-parti tat-triq quddiem il-fabbrika tal-*Edible Oil* sa ħdejn iċ-ċimiterju tat-Torok, li tibqa' ħierġa għal Triq Diċembru Tlettax, kollha kemm hi taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa.

## <u>Id-deċiżjoni appellata</u>

8. Permezz tal-lodo mogħti fis-26 ta' April, 2017, it-Tribunal iddeċieda li r-responsabbilità għal dan l-inċident hija tal-Kunsill Lokali tal-Marsa, illikwida d-danni sofferti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' €2,730.97, u kkundanna lill-istess Kunsill Lokali għall-ħlas ta' dan l-ammont, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi mill-provi jirriżulta b'mod ċar li fis-26 ta' Awwissu 2011 il-vettura KBN 812, misjuqa minn Richard Abela daħlet f'għatu ta' sprall jew spira maqlugħ, li ma kinitx tidher u ġarrbet ħsara;*

*Illi l-inċident seħħ sewwa sew quddiem il-fabbrika tal-*Edible Oils *u għall-ħsarat ta' Abela ħallset is-soċjetà rikorrenti b'eċċezzjoni tal-*excess *li tħallas minnu stess;*

*Jidher hawn li kien hemm żball fir-rikors promutur li kien jindika li l-inċident seħħ fi Triq l-Istabal, b'dan li mix-xhieda dejjem ħareġ b'mod ċar li l-inċident seħħ quddiem il-fabbrika tal-*Edible Oils *u li r-referenza għal Triq l-Istabal kienet ġejja minn żball fir-rapport tal-pulizija;*

***<u>Leġittimi Kuntraditturi</u>***

*Il-Kunsilli Lokali kollha mħarrka u l-awtorità mħarrka jikkontestaw ir-responsabbilità tal-akkadut stante li skont huma ż-żona fejn seħħ l-inċident ma taqax taħt ir-responsabbilità rispettiva tagħhom;*

*Illi mill-provi essenzjalment irriżulta, fil-fehma tal-arbitru, li ċertament l-Awtorità intimata mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri stante li t-triq mhijiex waħda arterjali jew f'kull każ triq li taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Awtorità;*

*Illi fl-istess mod il-Kunsill ta' Ħal Qormi fil-fehma tal-arbitru mhuwiex leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri stante li l-post fejn seħħ l-inċident mhuwiex responsabbilità ta' dan il-kunsill;*

*Illi għalhekk l-arbitru ser* ***jilqa' l-eċċezzjoni preliminarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li mhumiex leġittimu kuntradittur fil-kawża odjerna.***

*Illi mhux l-istess jista' jingħad għall-Kunsill Lokali tal-Marsa stante li fi kliem l-istess sindku tal-lokalità t-triq in kwistjoni hija responsabbilità tal-Kunsill Lokali tal-Marsa mill-fabbrika tal-*Edible Oils *sa ħdejn iċ-ċimiterju tal-Marsa.*

***<u>Responsabbilità</u>***

*Illi għalhekk f'dan l-istadju dak li jrid jiġi deċiż huwa jekk il-Kunsill tal-Marsa kienx responsabbli għas-sinistru.*

*Illi mill-provi ma jirriżulta minn imkien li s-sewwieq kien f'xi mod traskurat fis-sewqan tiegħu jew li kien il-mod kif kien il-kawża prossima tal-inċident. Barra minn hekk jirriżulta mix-xhieda tal-istess sewwieq li l-problema fil-punt in kwistjoni, ċioe l-problema bit-tappiera, kienet ilha tiġi sollevata u injorata mill-awtoritajiet;*

*Illi f'dan l-istadju huwa opportun li jiġi osservat l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta,* inter alia, *jipprovdi li*

> *"33 (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*
>
> *(a) Li jipprovdi **biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq** jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata (enfasi tal-arbitru);*
>
> *Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha."*

*Illi issa huwa wkoll minnu li mill-provi jirriżulta li t-tappiera li hija proprjetà u/jew hija r-responsabbilità ta' entità li tipprovdi servizzi lill-komunità, x'aktarx il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma jidher li ħadet ħsieb it-tiswija tagħha wara l-inċident.*

*Illi minkejja dan l-arbitru huwa tal-fehma li fid-dawl tal-obbligi imposti fuq il-Kunsill Lokali ai termini tal-Artikolu 33(1)(a) il-Kunsill huwa xorta waħda tenut li jieħu ħsieb il-ko-ordinazzjoni u l-manutenzjoni tat-toroq u għalhekk jekk xi ħaġa fit-toroq ma tkunx f'postha l-Kunsilli huma tenuti li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tagħha, jekk hemm bżonn b'ko-ordinazzjoni mal-entità relattiva u mhux jiskrollaw ir-responsabbilità tagħhom billi josservaw li la darba, f'dan il-każ, it-tappiera ma hijiex proprjetà tal-Kunsill għaldaqstant il-Kunsill ma jaħtix;*

*Illi l-liġi timponi obbligu ċar fuq il-Kunsill li huwa responsabbli għall-manutenzjoni, żamma fi stat tajjeb u titjib tat-toroq u għalhekk għandu jsegwi li l-Kunsill għandu wkoll ikun responsabbli li jiġbed l-attenzjoni lill-entitajiet dwar ħsarat li jista' jkun hemm fit-toroq u jkun responsabbli solidalment magħhom versu terzi jekk dawn ma jiħdux ħsieb il-proprjetà tagħhom. Dan dejjem jingħad b'riserva għal kull dritt ta' rivalsa li talvolta l-Kunsill relattiv jista' jkollu versu l-entità in kwistjoni;*

*Illi hija fehma tal-arbitru li entitajiet pubbliċi, inklużi l-Kunsilli, m'għandhomx jieħdu l-pożizzjoni li jippuntaw is-swaba' lejn xulxin u jħallu lill-pubbliku jiżfen fin-nofs filwaqt li huma, bid-dovut rispett, jinħbew wara subgħajhom;*

*Illi l-pubbliku jistħoqqlu trattament ferm aħjar u l-kunsilli, l-awtoritajiet u l-entitajiet relattivi jmisshom jaraw kif jirriżarċixxu lit-terz li jkun sofra d-danni minħabba raġunijiet li ma jkunux imputabbli lilhom iżda lill-istess entitajiet, u dawn tal-aħħar jaraw bejniethom kif għandha tkun distribwita r-responsabbilità mingħajr ma jħallu lill-membri tal-pubbliku jbatu l-konsegwenzi ta' dawn id-diverġenzi.*

***Illi għalhekk dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-arbitraġġ billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjoni preliminarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fis-sens li dawn mhumiex leġittimi kuntradditturi fl-arbitraġġ odjern u qegħdin għalhekk jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju:***

- ***Jiddikjara, għar-raġunijiet imfissra, li l-Kunsill Lokali tal-Marsa huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fis-26 ta' Awwissu 2011 fi Triq Stabal, limiti ta' Ħal Qormi fejn il-vettura KBN 812, b'riserva għal kull dritt ta' rivalsa li jista' jkollu dan il-kunsill kontra terzi;***
- ***Jillikwida l-ħsarat riżultanti mill-inċident riferit fl-ammont ta' elfejn u seba' mija u tletin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2,730.97);***
- ***Jikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Marsa li jħallas dan l-ammont, in kwantu għal elfejn sitt mija u tmienja u erbgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2,648.97) lill-Untours Insurance Agency Ltd u in kwantu għal tnejn u tmenin euro (€82) lil Richard Abela;***

***L-ispejjeż tal-Kunsill ta' Ħal Qormi u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandhom jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrenti u in kwantu għal terz mill-istess Kunsill u Awtorità, fid-dawl tal-ispejjeż tal-ewwel lodo dwar il-kompetenza;***

***L-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' dan l-arbitraġġ għandhom ikunu a karigu tal-Kunsill Lokali tal-Marsa;***

***Illi l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mit-8 ta' Jannar 2013, data tal-avviż sad-data tal-eventwali pagament."***

## Ir-rikors tal-appell

9. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa ppreżenta l-appell tiegħu fl-10 ta' Mejju 2017, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla l-lodo fl-ismijiet* ***Untours Insurance Agents Limited u din għall-Qatar Insurance Agency Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Richard Abela u l-istess Richard Abela vs Kunsill Lokali Qormi, Kunsill Lokali Marsa, Transport Malta****, Arbitraġġ Numru 3430/13 DD deċiż nhar is-26 ta' April 2017 u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-istess Kunsill Lokali appellant,*

*tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali esponent fl-intier tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi."*

Il-Kunsill Lokali appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex:

(i) l-Arbitru kien legalment żbaljat meta kkonkluda li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għandu xi forma ta' responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, li seħħ minħabba li nqalgħet tappiera jew sprall. L-appellant sostna li l-Arbitru kien żbaljat meta inkluda t-tappieri u l-ispralli mal-obbligi li għandhom il-Kunsilli Lokali li jagħmlu manutenzjoni fit-toroq, jew li b'xi mod dawn it-tappieri jew l-ispralli jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali appellant żied jgħid li dan kien ikkonfermat mix-xhieda mogħtija minn Francis Debono, Sindku tal-Marsa, kif ukoll mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant ta' Transport Malta, Nicholas Baldacchino, li fix-xhieda tiegħu qal li tappieri u spralli jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-entitajiet li jkunu għamluhom. Il-Kunsill appellant żied jgħid li minkejja li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli mit-toroq u mill-manutenzjoni tagħhom, l-ispralli u t-tappieri mhumiex proprjetà tal-Kunsilli Lokali u għalhekk ma jaqgħux taħt ir-responsabbilità tagħhom. L-appellant għamel riferiment ukoll għax-xhieda ta' tnejn mill-pulizija li marru fuq il-post ftit wara l-inċident, u li kkonfermaw li kienu rappreżentanti tal-Water Services Corporation li marru fuq il-post u rranġaw it-tappiera u għattewha bl-*asphalt.* Il-Kunsill appellant qal li ladarba kienet il-Water Services Corporation li marret fuq il-post u għamlet il-manutenzjoni tat-tappiera inkwistjoni, dan l-aġir kien jammonta għal ammissjoni ta' responsabbilità da parti tagħha għall-inċident u għad-danni

sofferti. Il-Kunsill appellant żied jgħid li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kinitx parti minn dawn il-proċeduri, imma t-Tribunal xorta waħda ma kellux jimputa r-responsabbilità għall-inċident fuq xi wieħed mill-intimati fil-kawża, kif donnu għamel fid-deċiżjoni appellata, u għalhekk t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li r-responsabbilità għal dan l-inċident għandha tinġarr mill-Kunsill appellant, ladarba kien ċar li dawn l-ispralli huma proprjetà u responsabbilità ta' terzi. Il-Kunsill appellant qal ukoll li kieku t-Tribunal kien korrett fir-raġunament tiegħu, li r-responsabbilità għat-tiswijiet u għall-manutenzjoni tal-istess spralli jew tappieri kienet tispetta lill-Kunsill Lokali appellant, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kinitx tieħu ħsieb tibgħat il-ħaddiema tagħha fuq is-sit tal-inċident biex jagħmlu t-tiswijiet neċessarji.

(ii) It-tieni aggravju tal-Kunsill Lokali appellant huwa li t-Tribunal injora l-provi miġjuba li t-triq fejn seħħ l-akkadut ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali appellant, u dan mingħajr ma ta r-raġuni għal dan. L-appellant spjega li anki kieku t-tappieri inkwistjoni jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali, mill-provi kellu jirriżulta li dik il-parti tat-triq ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tal-Marsa, li għalhekk ma kellu l-ebda ġurisdizzjoni, poter, setgħa jew obbligi fuq dik il-parti tat-triq. Il-Kunsill Lokali appellant żied jgħid li ladarba mir-rapport tal-Pulizija u mill-provi rriżulta li l-inċident seħħ ġewwa Triq l-Istabal, li hija triq li taqa' fil-konfini ta' Ħal Qormi u mhux tal-Marsa, it-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għandu jinżamm responsabbli għal dan l-inċident.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

10. Fir-risposta tal-appell tagħhom, l-appellati s-soċjetà Untours Insurance Agents Limited għal Qatar Insurance Agency Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Richard Abela, u Richard Abela personalment, wieġbu li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Kunsill Lokali appellant.

L-appellati wieġbu li kwalunkwe responsabbilità legali tirriżulta minn dak li tipprovdi l-liġi, u l-fatt li l-appellant m'għamel ebda riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 363, jagħti l-impressjoni li l-Kunsill appellant għadu mhux konxju mir-responsabbilitajiet li jirriżultaw mil-liġi. Fost dawn ir-responsabbilitajiet hemm iż-żamma tat-toroq u mogħdijiet fi stat tajjeb. L-appellati għamlu riferiment għax-xhieda ta' Richard Abela, fejn dan qal li huwa bilfors kellu jgħaddi minn fuq it-tappiera, għax biex jevitaha kien ikollu jinvadi l-karreġġjata opposta. Żiedu jgħidu li minn dan għandu jirriżulta b'mod ċar li l-Kunsill Lokali tal-Marsa naqas mill-obbligu tiegħu li jżomm din it-triq pubblika fi stat tajjeb u mingħajr periklu għall-utenti tat-triq, u għalhekk il-Kunsill appellant għandu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnhom. L-appellati għamlu riferiment għall-parti tad-deċiżjoni appellata fejn intqal li ladarba l-Kunsilli Lokali huma responsabbli miż-żamma tat-toroq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, il-Kunsilli Lokali għandhom ikunu responsabbli wkoll biex jiġbdu l-attenzjoni tal-entitajiet rigward xi ħsarat li jista' jkun hemm fit-toroq, u għandhom ikunu responsabbli solidalment magħhom f'każ li dawn jonqsu milli jagħmlu t-tiswijiet u l-manutenzjoni meħtieġa fuq il-proprjetà tagħhom. L-

appellati qalu li minn dan isegwi li t-Tribunal għamel apprezzament korrett tal-fatti u tal-liġi, u żiedu jgħidu li l-Qrati tagħna minn dejjem irrikonoxxew li min għandu responsabbilità għall-manutenzjoni u għaż-żamma tat-toroq fi stat tajjeb, ma jistax jaħrab minn din ir-responsabbilità u jitfagħha fuq ħaddieħor. L-appellati qalu wkoll li ladarba huwa l-Kunsill Lokali li għandu l-obbligu li jissorvelja t-toroq tal-lokal, dan ma jistax jitfa' l-piż tar-responsabbilità fuq ħaddieħor.

Dwar it-tieni aggravju, l-appellati qalu li l-Kunsill Lokali tal-Marsa mhuwiex korrett meta jgħid li l-isprall jew it-tappiera inkwistjoni mhumiex f'parti tat-triq li taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Spjegaw li r-rapport tal-Pulizija li jikkonstata li l-inċident inkwistjoni seħħ fi Triq l-Istabal ma kienx korrett, għaliex fil-fatt irriżulta mill-provi li l-inċident seħħ f'żona magħrufa bħala 'Ta' Istanbul', propju quddiem il-fabbrika tal-Edible Oil, fit-triq li twassal għal ħdejn iċ-Ċimiterju tat-Torok fil-Marsa. Barra minn hekk, kien is-Sindku tal-Marsa stess li kkonferma li l-parti tat-triq li mill-fabbrika tal-Edible Oil twassal għaċ-Ċimiterju tat-Torok taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellati qalu li din il-Qorti għandha tikkonkludi li d-deċiżjoni appellata kienet waħed ġusta u li jimmerita konferma.

11. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ukoll appellata f'dawn il-proċeduri, wieġbet li m'hemm l-ebda raġuni valida jew lok għan-nullità tad-deċiżjoni appellata. Żiedet tgħid li ladarba t-talba li qiegħda ssir mill-Kunsill appellant ma taffettwax il-pożizzjoni ġuridika tagħha bħala Awtorità, hija qiegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok, tikkonsidra l-aggravji imressqa mill-Kunsill appellant, ir-risposta mogħtija mill-appellati, u dan dejjem fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata mogħtija minnu.

*L-ewwel aggravju:* *L-Arbitru kien legalment żbaljat meta kkonkluda li l-Kunsill appellant għandu xi forma ta' responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, għaliex tappieri u spralli ma jaqgħux taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali*

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ la hemm kontestazzjoni dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, u lanqas dwar id-danni sofferti. Jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-appellat Richard Abela kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Istanbul', fil-parti tat-triq li tinsab quddiem il-fabbrika tal-Edible Oil li twassal għal Triq Diċembru Tlettax, meta baqa' għaddej minn fuq sprall jew tappiera miftuħa, u sofra ħsarat konsiderevoli fil-vettura tiegħu. Minn dak li xehed l-appellat jirriżulta wkoll li dan ma setax jevita li jgħaddi minn fuq dan l-isprall, għaliex sabiex jagħmel hekk kien ikollu jinvadi l-karreġġjata opposta. Il-Kunsill appellant, permezz ta' dan l-ewwel aggravju tiegħu, qiegħed jinsisti li l-ispralli ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali, u li Kunsill Lokali ma jistax jaqbad u jmur jagħmel xogħol ta' tiswija jew manutenzjoni fi proprjetà ta' ħaddieħor. Il-Kunsill appellant jgħid li ladarba t-Tribunal stess ikkonkluda li l-isprall jew it-tappiera inkwistjoni

mhumiex proprjetà tal-Kunsill Lokali, dan ma setax jitfa' r-responsabbilità fuq il-Kunsill Lokali sabiex jagħmel ix-xogħlijiet riparatorji meħtieġa. Il-Kunsill appellant qiegħed jinsisti li mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak stabbilit mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bid-deċiżjoni tat-3 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe *vs.* Joseph Pace**, fejn inkiteb hekk:

> "Min jeċċepixxi li hu mhux leġittimu kontradittur jeħtieġ li jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal fl-ebda rapport mar-rikorrent jew li m'għadx għandu tali rapport."

Ir-risposta għal dan tinsab f'dak li jipprovdi r-Regolament 3 tal-Avviż Legali 29 tal-2010, li kien *in vigore* fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, u li għalhekk japplika għall-każ odjern. Dawn ir-Regolament jistipula sa fejn għandha tinġarr responsabbilità mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fir-rigward tat-toroq, u fejn tibda u tispiċċa r-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali. Dan ir-Regolament jipprovdi illi:

> "... l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha tipprovdi ... għall-kostruzzjoni mill-ġdid, twessigħ, tiġdid, manteniment, titjib, immaniġġjar, manutenzjoni, u klassifikazzjoni ta' toroq: iżda fejn triq la tkun arterjali u lanqas triq distributorja il-manteniment, it-titjib, u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali."

A tenur tar-Regolament 2, manutenzjoni ta' rutina ta' triq tinkludi:

> "... azzjonijiet li jittieħdu fuq bażi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinżammu fi stat sigur u tajjeb għall-użu, azzjonijiet li jittieħdu biex fejn possibbli triq ma titħalliex tiddeterjora u azzjonijiet li jittieħdu biex il-wiċċ ta' triq u l-ġnub tagħha jinġiebu lura fi stat tajjeb, li tinkludi, iżda mhijiex limitata għall-mili ta' ħofor, l-

għeluq u l-mili ta’ xquq, it-tindif ta’ toroq abitati, katusi u kanali għall-ilma, l-istallar ta’ sinjali u sinjaleġġ tat-traffiku, tibdil ta’ sinjali u marki fit-toroq li jkunu tħassru, kontroll ta’ ħxejjex u veġetazzjoni fil-ġnub tat-triq; tindif tal-ġnub tat-triq, tiswija ta’ bankini.”

Tqis illi għalhekk r-responsabbilità legali tal-Kunsilli Lokali tinkludi t-teħid ta’ azzjonijiet xierqa u f’waqthom sabiex jassiguraw li t-toroq li jaqgħu fil-konfini tal-lokal tagħhom jinżammu dejjem fi stat sigur u tajjeb għall-użu, u r-Regolament jinkludi lista ta’ azzjonijiet li mhijiex eżawrjenti, li għandhom jittieħdu mill-Kunsilli Lokali sabiex jaqdu din ir-responsabbilità tagħhom.

Din il-Qorti tqis li sabiex il-Kunsilli Lokali jaqdu din il-funzjoni tagħhom, dawn għandhom jagħmlu dak kollu possibbli sabiex jinfurmaw lill-entitajiet konċernati biex ipoġġu sinjali, sinjaletika, katusi, spralli jew tappieri fit-triq, li l-proprjetà tagħhom qiegħda toħloq periklu għas-sigurtà tas-sewwieqa jew ta’ min ikun għaddej mit-triq, u jħeġġuhom jagħmlu x-xogħol riparatorju meħtieġ sabiex dak il-periklu jitneħħa. Id-deċiżjoni appellata trid tinqara fl-ispirtu tal-liġi li tirregola l-proċeduri arbitrali f’pajjiżna, fejn għandha tirbaħ l-ekwità fuq kull konsiderazzjoni oħra. Il-Qorti hawnhekk tħossha fid-dmir li għandha tirrileva li l-inċident inkwistjoni seħħ disa’ snin ilu, bir-rikorrenti appellati li ilhom jistennew rimedju tul dan iż-żmien kollu. Kif ġie rimarkat tajjeb waqt it-trattazzjoni li saret mill-abbli difensuri tal-partijiet, mhux ġust u lanqas hu ekwu li wara snin ta’ proċeduri, l-entitajiet governattivi kif rappreżentati f’din il-kawża jibqgħu f’battibekk bejniethom dwar min għandu jerfa’ r-responsabbilità għad-dannu kkaġunat lil individwu privat, proprju minħabba li min kellu l-obbligu jassigura li t-triq inkwistjoni tkun miżmuma fi stat tajjeb,

naqas milli jagħmel dan. Anki jekk l-isprall jew it-tappiera inkwistjoni ma kinux proprjetà tal-Kunsill Lokali appellant, xorta waħda ladarba ġie stabbilit li din it-triq taqa' fil-konfini tar-responsabbilitajiet tiegħu, il-Kunsill Lokali appellant kellu l-obbligu jinterpella lill-awtoritajiet relattivi sabiex dawn jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jeliminaw il-periklu mit-triq. Tqis għalhekk li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u għalhekk qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *it-Tribunal injora provi dwar il-fatt li t-triq inkwistjoni ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tal-Marsa*

Din il-Qorti kkonsidrat li kien is-Sindku tal-Marsa stess li xehed li l-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Istanbul', li ġie speċifikat li huma l-inħawi ta' quddiem il-fabbrika tal-Edible Oil, fil-parti tat-triq li twassal għal Triq Diċembru Tlettax, tifforma parti mill-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Il-Kunsill appellant qiegħed jakkampa ma' dak li jirriżulta li huwa żball ovvju fir-rapport tal-Pulizija, li fir-rapport tal-inċident niżżlu l-isem tat-triq bħala 'Triq l-Istabal', li hija triq fil-qalba ta' Ħal Qormi, li iżda ġie speċifikat li ma kellha x'taqsam xejn mal-inħawi fejn seħħ l-inċident inkwistjoni. Ir-rappreżentant tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta wkoll xehed li l-awtorità rappreżentata minnu m'għandha l-ebda responsabbilità għal xogħol ta' manutenzjoni ta' dawn it-toroq, u l-manutenzjoni u ż-żamma fi stat tajjeb ta' din il-parti tat-triq taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali li tifforma parti minnu. Huwa għalhekk li tqis li dan l-aggravju ukoll mhux mistħoqq u qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-Kunsill appellant billi tiċħad l-aggravji kollha tal-Kunsill appellant u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-Kunsill appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**